# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 11 ta' Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 74/2024 ISB**

**Paul Licari (K.I. 522453M) u Alfatrade Limited (C 7927)**

**Vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tar-rikorrenti **Paul Licari** u s-soċjeta' rikorrenti **Alfatrade Limited** tat-2 ta' Awwissu 2024, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

*...prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, tilqa' din l-oġġezzjoni u, konsegwentement, tiddikjara illi l-penali pretiżi mir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat fl-ittra uffiċjali promutorja tiegħu mhumiex dovuti skont il-liġi, in toto jew in parte, mill-istess esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited, u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' jogħġobha timponi.*

U dan wara li ppermettew:

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2926/24 datata nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju elfejn erbgħa u għoxrin (2024) (kopja tal-ittra uffiċjali qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħal '**Dok. A'**) l-esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited ġew interpellati sabiex iħallsu, lir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat, is-somma kumplessiva ta' għaxart elef ħames mija ħamsa u disgħin Ewro (€10,595) rappreżentanti penali nkorsi mill-istess esponenti Paul Licari fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà kummerċjali Alfatrade Limited u s-soċjetà esponenti Alfatrade Limited;*

*Illi allegatament l-esponenti naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) hekk kif anki indikat fl-avviż tal-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) li ġie anness mal-istess ittra uffiċjal promutorja mmarkata bl-ittra 'A';*

*Illi permezz tal-proċediment odjerni, l-esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited qiegħdin joġġezzjonaw fl-intier tagħhom il-pretensjonijiet tal-intimat Registratur tal-Kumpaniji, kif dedotti fl-ittra uffiċjali promutorja u fl-avviż hawn fuq imsemmi, u dan għas-segwenti raġunijiet;*

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji għall-ġbir ta' uħud mill-penali allegatament dovuti mill-esponenti huma preskritti bid-dekors ta' ħames (5) snin, u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 427 (3) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-avviż datat nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju elfejn erbgħa u għoxrin (2024), inħareġ biss fil-konfront tal-esponenti Paul Licari u mhux ukoll fil-konfront tal-esponenti Alfatrade Limited u għaldaqstant l-istess avviż ma jista' qatt jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti Alfatrade Limited għall-finijiet u l-effetti kollha tad-*

*dispożizzjonijiet tal-Artikolu 401 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*

3. *Illi barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jista' qatt jirriżulta titolu eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited għall-finijiet u l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 401 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), għall-ġbir ta' penali a` bażi tal-Artikolu 183(10) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dan l-Artikolu huwa ineżistenti;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jispetta lill-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji illi jressaq prova ċara u skont il-liġi ta' kif u meta l-esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Att Dwar il-Kampaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) kif allegat;*
5. *Illi, fil-meritu, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, jispetta unikament lir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat illi jressaq prova ċara u skont il-liġi li l-penali pretiżi minnu, fl-ammont ta' għaxart elef ħames mija ħamsa u disgħin Ewro (€10,595), ġew ikkalkolati in konformita' assoluta mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), kif emendat matul is-snin;*
6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat għall-ġbir tal-penali allegatament dovuti mill-esponenti Paul Licari u Alfatrade Limited hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif jirriżulta minn dak spjegat u kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

Rat id-**digriet** tagħha tad-19 ta' Awwissu 2024 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Settembru 2024 fid-9:30 a.m;

Rat ir-Risposta tar-**Reġistru tal-Kumpaniji** tal-5 ta' Settembru 2024 (fol 14) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi s-soċjeta rikorrenti Alfatrade Limited, kienet ġiet reġistrata mar-Reġistratur fit-28 ta Frar 1986, filwaqt illi ilha snin tonqos milli tottempera ruħha mal-provedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji ("l-Att") tant illi l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2021 filwaqt illi l-aħħar kont annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2018;*

2. *Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tar-rikors promotur, ir-rikorrenti naqsu milli jispeċifikaw liema huma "uħud mill-penali" illi skont l-istess rikorrenti għandhom jiġu meqjusa bħala preskritti bid-dekors ta' ħames snin, skont l-Artikolu 427(3) tal-Att;*

3. *Illi għar-rigward ghat-tieni eċċezzjoni speċifikata fir-rikors promotur, is-sur Paul Licari huwa wieħed miż-żewġ diretturi tal- kumpanija u rappreżentant legali. L-avviż, datat il-15 ta' Mejju 2024, sar kemm fil-konfront ta' Paul Licari, kif ukoll fil-konfront tal-kumpanija Alfatrade Limited, fl-indirizz reġistrat tagħha, u ċioe 7, Triq l-Irvellijiet 1958, Paola PLA 2292, Malta. Apparti minn hekk, u għal kull buon fini, tajjeb jiġi rrimarkat kif l-Artikolu 401(4) jipprovdi illi avviż magħmul skont l-Artikolu 401(3), u ċioe avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt l-Att, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies li tkun weħlet penali taħt l-istess Att. Dan ifisser illi l-avviż jista' jsir kemm fil-konfront tal-kumpanija bħala persuna ġuridika distinta u kif ukoll lill-uffiċjali tal-kumpaniji bħala individwi. Fil-każ odjern, l-avviż sar fil-konfront tat-tnejn, inkluż allura is-Sur Paul Licari, fil-kapacita' ta' direttur tal-kumpanija de quo. L-artikolu 2(1) tal-Att jiddefinixxi t-terminu ta' "uffiċjal" bħala wieħed li jinkludi "direttur, manager jew segretarju ta' kumpanija, iżda ma jinkludix awditur". Għaldaqstant, bħala direttur tal-kumpanija de quo, kien ġustament responsabbli għal kull nuqqas ta' sottomissjoni li għandu jew kellu jsir skont l-Att illi jobbliga lill-kumpanija u kull uffiċjal tagħha illi jibgħatu ta' kull sena;*

4. *Illi, dato ma non concesso, il-kumpanija hija bound in solidum mal-uffiċjali tagħha u għalhekk bl-ebda mod ma tista' teskapola minn tali responsabbilita'. L-Artikolu 184 jobbliga lil kull kumpanija sabiex tagħmel prospett annwali fil-forma preskritta mill-Att, liema prospett għandu juri l-ħwejjeġ tal-kumpanija kif kienu fid-data tal-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha, filwaqt li l-artikolu 183 jobbliga kull direttur ta' kumpanija sabiex kull sena jikkonsenja lir-Reġistratur il-kontijiet annwali tal-kumpanija għar-reġistrazzjoni;*

5. *Illi f'każ ta' nuqqas t'ottemperanza ma tali obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-Att, skont l-Artikoli 183(6) u 184(3) tal-Att, kull uffiċjal tal-kumpanija jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra;*

6. *Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tar-rikors promotur, l-esponenti issostni illi, filwaqt li huwa minnu illi l-Artikolu 183 kien jasal biss sa sub-artikolu 6 u mhux sas-sub artikolu 10, l-Iskeda Numru Hdax tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995, fil-fatt kienet tagħmel referenza ghall-Artikolu 183 (10);*

7. *Illi tali kontradizzjoni kienet dovuta ghal żball uman fit-tfassil tal-emendi introdotti bl-Att numru XXXI tal-2015. Illi, fil-frattemp tali-żball ġie rettifikat permezz tal-Att XVIII tal-2024 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument '**A**');*

8. *Illi fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni kontentuta fir-rikors promotur, l-esponent Reġistratur ma tistax tifhem l-argument tar-rikorrenti, għaliex jirriżulta b'mod ċar daqs il-kristall, liema huma dawk id-dokumenti li ġew konsenjati lir-Reġistratur tul is-snin mill-kumpanija rikorrenti u liema ma ġewx sottomessi għar-reġistrazzjoni. Propju għall-benefiċċju tar-rikorrent, l-aħħar kont annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2018, filwaqt illi l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2021. Kif u meta tali nuqqas sar, jirriżulta kemm fl-avviż mibgħut lil Paul Licari bħala d-direttur tal-kumpanija kif ukoll dak mibgħut lill-istess kumpanija;*

9. *Illi fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni tar-rikorrenti, ta' min jirrimarka illi l-ammont ta' penali indikat fl-avviż, u (€10,595) huwa riflessjoni tad-dispożizzjonjiet tal-Att, li jirriżultaw min-nuqqas ta' osservanza tal-Artikoli 183 u 184, ikkalkolati bl-ammonti indikati fil-Ħdax-il Skeda tal-istess Att. Illi iktar minn hekk, ta' min isemmi illi tali avviż illi jintbagħat mill-esponenti, huwa sempliċement mezz ta' tfakkira sabiex dak li jkun jieħu l-passi meħtieġa sabiex jieħu ħsieb jirranġa n-nuqqasijiet tal-kumpanija qabel mal-esponenti tkompli biex tmexxi formalment bl-ittra uffiċjali. Qabel il-Final Warning illi rċieva r-rikorrent, ikunu ntbagħtu mill-inqas żewġ notifiki oħra lill-kumpanija għal kull penali dovuta. F'dan il-każ il-kumpanija jew l-uffiċjali tagħha rċevew numru ta' notifiki qabel il-Final Warning;*

10. *Illi għal kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors promotur, ir-Reġistratur kienet ċara u mexxiet skont l-liġi billi fl-ewwel lok, in-natura tal-penali imposti jirriżultaw skont l-Artikolu 427 tal-Att u fit-tieni lok, l-avviż u l-proċedura segwiti kienu skont ir-rekwiżiti speċifikati taħt l-Artikolu 401(3) tal-istess Att. Illi ta' min isemmi wkoll illi l-esponenti tikkwantifika bil-wieħed fil-mija tal-massimu illi jipprovdi l-Att fil-Ħdax-il Skeda tiegħu;*

11. *Illi di piu', għal-kuntrarju ta' dak li ġie allegat fis-sitt eċċezzjoni tar-rikors promotur, il-ħlasijiet dovuti joħorġu kjarament u direttament mill-Att li jimponi kemm penali fissa kif ukoll penali oħra għal kull jum ta' inadempjenza minn kumpanija soġġetta għall-istess Att u li mbagħad l-Iskeda Ħdax ta' dan l-Att imsemmi, tikkwantifika tali penali u għalhekk il-penali mposti huma fondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

    *Ghaldqastant in vista tas-suespost l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma illi:*

1. *l-ammont ta' għaxart elef ħames mija u ħamsa u disgħin ewro (EUR 10,595) huwa dovut mir-rikorrenti u dan mingħajr preġudizzju għal ammonti oħra li jistgħu ikomplu jiddekorru u b'hekk ikunu dovuti sad-data tal-effettiv pagament;*
2. *L-Ittra ufficjali numru 2926/24 ipprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-27 ta' Ġunju 2024, hija valida skont il-ligi.*

Rat in-nota tar-rikorrenti tat-18 ta' Settembru 2024 (fol 25) u li permezz tagħha ppreżentaw dokumenti li jinkludu nformazzjoni provduta fuq l-avviż mibgħut mir-Reġistratur tal-Kumpaniji nhar il-15 ta' Mejju 2024, kif ukoll kolonna li turi n-nuqqasijiet ta' kull penali allegatament dovut (fol 26 sa fol 29).

Rat in-nota tar-rikorrenti tat-18 ta' Settembru 2024 (fol 30) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit ta' **Paul Licari** b'dokumenti annessi (fol 31 sa fol 39).

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Settembru 2024, id-difensur tar-rikorrenti iddikjarat li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2025, id-difensur tal-intimat iddikjarat li ma kelliex provi xi tressaq.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' April 2025, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, l-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti in segwitu għall-ittra uffiċjali bir-referenza 2926/2024, fejn ir-rikorrenti ġew interpellati mir-Reġistratur intimat sabiex iħallsu s-somma ta' għaxart elef, ħames mija u

ħamsa u disgħin Ewro (€10,595) rappreżentanti penali li ġew inkorsi mir-rikorrenti minħabba li allegatament huma kienu naqsu milli josservaw il-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għal liema pretensjonijiet ir-rikorrenti qegħdin joġġezzjonaw.

Isostnu li bosta penali pretiżi mill-intimat huma perenti skont l-artikolu 427(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji. Jikkontendu li l-avviż datat 15 ta' Mejju 2024 inħareġ biss fil-konfront ta' Paul Licari u mhux ukoll fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti u għaldaqstant l-istess avviż ma jista' qatt jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tal-istess kumpanija.

Jikkontendu wkoll li skont l-ittra uffiċjali riferita l-intimat qed jimponi penali minħabba ksur tal-artikolu 183(10) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjoni ma teżistix u għalhekk ma tistax tiġi vjolata u għalhekk il-pretensjoni hija rrita u nulla ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Oltre' minn hekk, isostnu li r-Reġistratur intimat għandu jressaq prova ċara ta' kif u meta r-rikorrenti naqqsu milli josservaw il-provvediment tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-penali pretiżi ġew ikkalkolati in konformita' assoluta mad-dispożizzjoni tal-istess Kap 386.

Fl-affidavit tiegħu, **Paul Licari** jgħid li fis-6 ta' Lulju 2024, il-kumpanija rikorrenti ġiet notifikata b'ittra uffiċjali li kienet saret kontra tagħha mir-Reġistratur tal-Kumpaniji, fejn intalab il-ħlas ta' għaxart elef, ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro (€10,595) rappreżentanti penali li kienu ġew imposti minħabba li s-soċjeta' rikorrenti naqqset milli tosserva l-provvedimenti tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jispjega li l-istess ittra uffiċjali ġiet ppreżentata anke kontrih personalment iżda baqa' qatt ma ġie notifikat bl-istess. Jgħid li l-ittra kienet tirreferi għal avviż li ġew notifikati bih iżda l-istess avviż kien notifikat biss lilu u mhux lis-soċjeta' rikorrenti.

Jispjega li hu ġie maħtur bħala Direttur tas-soċjeta' rikorrenti fit-28 ta' Frar 1986 u minn dak iż-żmien qatt ma jaf li Alfatrade qatt irċeviet xi korrispondenza dwar il-penali msemmija fl-avviż.

Oltre' minn hekk, isostni li kien biss meta r-Reġistratur ippreżenta r-risposta tiegħu u indika li l-penali kienu kwantifikati bil-wieħed fil-mija (1%) tal-massimu illi jipprovdi l-Kap 386 fil-Ħdax-il skeda tiegħu li seta' jifhem kif

ir-Reġistratur intimat wasal għall-ammont dovut. Iżda xorta jikkontendi li bosta penali jaqgħu taħt l-Artikolu 183(10) li ma jeżistix u li uħud huma preskritti bid-dekors tal-ħames (5) snin.

Isostni li mit-tabella annessa mir-Reġistratur jidher li hemm żbalji ċari u nuqqas t'informazzjoni dwar kif ġew ikkalkulati l-penali allegatament dovuti u b'hekk ir-rikorrenti m'għandhomx jiġu kkundannti jħallsu l-istess ammonti.

Fit-**trattazzjoni** tagħhom, jibdew biex jgħidu li fir-rigward tal-oġġezzjoni mqajjma minnhom dwar preskrizzjoni, l-Kap 386 jagħmilha ċara li l-azzjoni mir-Reġistratur hija preskritta kif jgħaddu ħames (5) snin minn meta jkun sar in-nuqqas u fil-każ odjern hemm allegati nuqqasijiet imorru lura saħansitra għas-sena 2016 mentri l-ittra tar-Reġistratur ippreżentata fl-2024.

Isostnu li l-avviż kellu jinħareġ indirizzat ukoll lill-kumpanija bħala persuna distinta u mhux fil-konfront ta' Paul Licari biss. Oltre' minn hekk jgħidu li huwa inkonċepibbli kif ir-Reġistratur jista' jimponi penali taħt artikolu li ma jeżistix u ċioe' l-Artikolu 138(10) tal-Kap 386. Isostnu li dan il-punt ġie kkonfermat mir-Reġistratur stess li jagħmel referenza għall-ħdax-il sekda tal-att iżda jikkontendu li sabiex wieħed jirreferi għall-ħdax-il skeda jeħtieġ li jkun hemm penali li jiġu mposti mil-liġi fl-ewwel lok.

Fil-mertu jsostnu li r-Reġistratur kellu jagħti spjega ċara ta' x'wassal għall-penali, liema spjegazzjoni kellha ssir fl-ittra u mhux fir-risposta tar-Reġistratur kif sar. Oltre' minn hekk, ir-Reġistratur lanqas biss ressaq xi forma ta' kontestazzjoni għal dak ippreżentat mir-rikorrenti. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Marco Aquilina Euro Concrete Blocks Limited vs Reġistratur tal-Kumpaniji**.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Minn naħa tiegħu, l-**intimat Reġistratur tal-Kumpaniji** jgħid li s-soċjeta' rikorrenti Alfatrade Limited kienet ġiet reġistrata fit-28 ta' Frar 1986 u matul il-perjodu taż-żmien ta' kemm ilha reġistrata naqset milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali skont kif jitlob minnha l-Att in vigore dak iż-żmien. Jgħid li l-aħħar kont annwali li ġie sottomess mill-kumpanija kien dak relatat mas-sena 2018 filwaqt li l-aħħar prospett annwali sottomess kien tas-sena 2021.

Isostni li r-rikorrenti naqsu fir-rikors tagħhom milli jgħidu liema penali huma perenti ai termini tal-Artikolu 427(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jeċċepixxi li r-rikorrent Paul Licari huwa wieħed miż-żewġ diretturi tal-kumpanija u rappreżentant legali. Jispjega li l-avviż datat 15 ta' Mejju 2024 sar fil-konfront ta' Paul Licari u tas-soċjeta' rikorrenti. Oltre' minn hekk, isostni li l-Artikolu 401(4) jipprovdi illi avviż magħmul skont l-Artikolu 401(3) jimplika li l-avviż jista' jsir fil-konfront tal-kumpanija bħala persuna ġuridika distinta kif ukoll kontra l-uffiċjali tal-kumpanija bħala individwi u f'dan il-każ sar kontra t-tnejn. Jikkontendi li r-rikorrent bħala direttur tal-kumpanija kien ġustament responsabbli għal kull nuqqas ta' sottomissjoni li għandu jew kellu jsir skont il-Kap 386.

Isostni li l-kumpanija hija marbuta *in solidum* mal-uffiċjali tagħha u għalhekk bl-ebda mod ma tista tiskolpa ruħa mir-responsabilitajiet tagħha ai termini tal-artikoli 183 u 184 tal-Kap 386, minn fejn jirriżulta wkoll li kull uffiċjal tal-kumpanija jista' jeħel penali għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Oltre' minn hekk, fir-rigward tal-artikolu 183(10) tal-Kap 386 jispjega li huma minnu li l-Artikolu 183 jasal biss sas-sub-artikolu (6) iżda l-Iskeda Numru Ħdax tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 fiha referenza għall-Artikolu 183(10) li hija riżultat ta' żball uman fit-tfassil tal-emendi introdotti bl-Att XXXI tal-2015 li bidel l-enumerazzjoni tal-Artikolu 183. Isostni li huwa paċifiku li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi s-Sub Artikolu (10) jiġi rinumerat bħala Sub Artikolu (6).

Jispjega li l-ammont ta' penali indikat fl-avviż huwa riflessjoni tad-dispożizzjonijiet tal-att li jirriżultaw min-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 183 u 184 ikkalkolati bl-ammonti indikati fil-Ħdax-il Skeda tal-Kap 386. Oltre' minn hekk, l-avviż li jintbagħat huwa biss mezz ta' tfakkira u jżid li r-rikorrenti jkunu rċivew diversi avviżi qabel ma finalment jintbagħat il-*final warning.*

Isostni li għalhekk is-somma ta' għaxart elef ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro (€10,595) hi dovuta u li l-ittra uffiċjali numru 2926/2024 datata 27 ta' Ġunju 2024, hija valida fil-liġi.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu jibda biex jgħid li r-rikorrent Paul Licari ilu direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpanija odjerna u ta' kumpaniji

oħrajn mill-1986 u b'hekk suppost li jaf tajjeb id-dmirjiet tiegħu bħala uffiċjal tal-kumpanija mingħajr il-ħtieġa li jiġi mfakkar mir-Reġistratur intimat. Isostni li n-nuqqasijiet huma ċari ħafna u jirriżulta li r-rikorrenti ppreżentaw kontijiet ta' tmien (8) snin f'daqqa.

Fir-rigward tal-Artikolu 183(10) jgħid li dan illum ġie emendat u kjarifikat bħala l-Avviż 18 tas-sena 2024 u ċioe' ġie kjarifikat li l-Artikolu 183(10) kellu jaqra 183(6).

Finalment jgħid li fil-preżent il-kumpanija għadha b'sottomissjonijiet ta' prospetti annwali li jmorru lura għas-sena 2021 u b'kontijiet annwali li jmorru lura 2018 u għalhekk huwa evidenti li l-kumpanija għadha ma rregolarizzatx ruħha sal-ġurnata ta' llum.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-proċedura dwar kif persuna tappella minn avviż dwar Penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpaniji tinsab fl-artikolu 401(3) sa (16) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu testwalment hekk:

> *(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna lidik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifikax-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għaldak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsaragħad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jumli matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż*
>
> *(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dikil-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdixproċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekkstabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeżmagħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu,id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċita' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu(5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata,titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

Il-Qorti tibda biex tosserva li f'dan il-każ, ir-rikorrenti intavolaw rikors li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 401(6).

Jirriżulta li l il-penali fl-ammont globali ta' għaxart' elef, ħames mija u ħamsa u disgħin Ewro (€10,595) dovuti ai termini tar-rendikont li kien anness mal-ittra uffiċjali (a fol 5) huma is-segwenti:

1. Penali fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sat-28 t'Ottubru 2023, il-kontijiet annwali għas-sena 2019 ma ġewx sottomessi, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

2. Penali fl-ammont ta' mija u ħmistax-il Ewro (€115) taħt l-artikolu 184(3) minħabba li sat-8 t'Ottubru 2023 ma kienx ġie sottomess il-prospett annwali tas-sena 2023, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

3. Penali fl-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sat-8 t'Ottubru 2023 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2021, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

4. Penali fl-ammont ta' tliet mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€355) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sat-3 t'Ottubru 2023 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2020, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

5. Penali fl-ammont ta' tmien mija u ħamsa u disgħin Ewro (€895) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-17 ta' Settembru 2023 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali għas-sena 2017, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

6. Penali fl-ammont ta' disa' mija u sebgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€937.50) taħt l-artikolu 181(3) stante li l-konijiet annwali tal-2015 ġew approvati tardivament fil-11 ta' Ġunju 2023, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

7. Penali fl-ammont ta' sitt elef u għoxrin Ewro (€6,020) taħt l-artikolu 183(10) minħabba kontinwazzjoni ta' penali stante li l-kontijiet annwali għas-snin 2008 sa 2015 ġew sottomessi tardivament fl-1 ta' Ġunju 2023, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

8. Penali fl-ammont ta' mitejn u ħames Ewro (€205) taħt l-artikolu 184(3) bħala kontinwazzjoni ta' penali stante li sas-6 t'April 2023 kien għadu ma ġiex sottomess il-prospett annwali tas-sena 2022, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

9. Penali fl-ammont ta' erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€40.50) taħt l-artikolu 184(3) stante li l-prospett annwali tas-sena 2021 ġie sottomess wieħed u tletin jum tard, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

10. Penali fl-ammont ta' erbgħin Ewro (€40) taħt l-artikolu 184(3) stante li sal-11 ta' Mejju 2021 kien għadu ma ġiex sottomess il-prospett annwali tas-sena 2021, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

11. Penali fl-ammont ta' mija u sittin Ewro (€160) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-7 ta' Settembru 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2018, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

12. Penali fl-ammont ta' tliet mija u disgħin Ewro (€390) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sad-29 ta' Lulju 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2016, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur;

13. Penali fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€27.50) taħt l-artikolu 184(3) stante li l-prospett annwali tas-sena 2019 ġie sottomess ħamest ijiem tard, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

14. Penali fl-ammont ta' sitt mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€684.50) taħt l-artikolu 181(3) stante li l-konijiet annwali tal-2018 ġew approvati tardivament, ikkalkolati bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

Il-Qorti tosserva li l-artikolu hekk kif ċitat f'seba' mill-erbatax items, "183(10)" tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix iżda tinnota ukoll illi fil-Ħdax il-Skeda tal-Att huwa evidenti illi kien hemm zball dattilografiku fejn "183(1)" qed taqra "183(10)". Il-Qorti gja diversi drabi esprimiet ruha dwar din il-materja, u għal finijiet ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis ukoll illi r-Registratur intimat rriproduċa t-test kif jinsab fl-Iskeda, imma tenut kont anke d-deskrizzjoni ġenerali tan-nuqqasijiet attribwibbli lir-rikorrenti kif indikati u fil-kuntest tal-ispirtu tal-liġi, partikolarment fil kuntest tal-artikolu 427 tal-KAP 386, din il-Qorti sejra tqis illi l-iżball fil-prospett notifikat lir-rikorrenti mhux wieħed serju bizzejjed biex iwassal għat-tħassir tal-istess avviż jew penali mposti, u filfatt dan l-iżball ġie reċentament ikkoreġut permezz tal-Att XVIII tal-2024.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikorrenti jgħidu li bosta mill-penali pretiżi huma preskritti ai termini tal-**artikolu 427(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid testwalment hekk:

*(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Atttkun preskritta hekk kif jgħaddu ħames snin minn meta n-nuqqas ikun sar.*

Il-Qorti primarjament tinnota li r-rikorrenti ndikaw li l-penali preskritti kienu jikkonsistu fil-ħames, is-sitt, is-seba', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax u l-erbatax-il *item* fuq indikati.

Il-Qorti f'każijiet bħala dawn tqis li l-ħames snin jibdew jiddekorru minn dakinhar li n-nuqqas ikun waqaf iseħħ u għalhekk jeħtieġ tindaga f'kull każ meta n-nuqqas waqaf iseħħ u jekk għaddewx il-ħames (5) snin minn dakinhar sas-6 ta' Lulju 2024, meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata lis-soċjeta' rikorrenti.

Il-Qorti tinnota li l-ksur waqaf iseħħ kif ġej:

1. *Penali fl-ammont ta' tmien mija u ħamsa u disgħin Ewro (€895) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-17 ta' Settembru 2023 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali għas-sena 2017* – ma nġabet ebda prova dwar meta dan il-ksur waqaf iseħħ iżda ċertament li kien għadu għaddej fis-17 ta' Settembru 2023 u għalhekk ċertament li m'għaddewx ħames (5) snin minn dakinhar sa meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata.

2. *Penali fl-ammont ta' disa' mija u sebgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€937.50) taħt l-artikolu 181(3) stante li l-konijiet annwali tal-2015 ġew approvati tardivament fil-11 ta' Ġunju 2023* – f'dan il-każ huwa ċarissimu li l-ksur waqaf iseħħ fil-11 ta' Ġunju 2023 u għalhekk ċertament li m'għaddewx ħames (5) snin minn dakinhar sa meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata.

3. *Penali fl-ammont ta' sitt elef u għoxrin Ewro (€6,020) taħt l-artikolu 183(10) minħabba kontinwazzjoni ta' penali stante li l-kontijiet annwali għas-snin 2008 sa 2015 ġew sottomessi tardivament fl-1 ta' Ġunju 2023* - f'dan il-każ huwa ċarissimu li l-ksur waqaf iseħħ fl-1 ta' Ġunju 2023 u għalhekk ċertament li m'għaddewx ħames (5) snin minn dakinhar sa meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata.

4. *Penali fl-ammont ta' mija u sittin Ewro (€160) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sas-7 ta' Settembru 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2018* – ma nġabitx prova dwar meta il-ksur waqaf iseħħ iżda ċertament li kien għadu għaddej fis-7 ta' Settembru 2020 u għalhekk ċertament li m'għaddewx ħames (5) snin minn dakinhar sa meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata.

5. *Penali fl-ammont ta' tliet mija u disgħin Ewro (€390) taħt l-artikolu 183(10) minħabba li sad-29 ta' Lulju 2020 ma kienux ġew sottomessi l-kontijiet annwali tas-sena 2016* - ma nġabitx prova dwar meta il-ksur waqaf iseħħ iżda ċertament li kien għadu għaddej fid-29 ta' Lulju 2020 u għalhekk ċertament li m'għaddewx ħames (5) snin minn dakinhar sa meta l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet notifikata.

6. Penali fl-ammont ta' sitt mija u erbgħa u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€684.50) taħt l-artikolu 181(3) stante li l-konijiet annwali tal-2018 ġew approvati tardivament - ma nġabitx prova dwar meta il-ksur waqaf iseħħ iżda ċertament li kien għadu għaddej fis-7 ta' Settembru 2020, stante li sa dakinhar ma kienx għadhom sottomessi, u *nonostante* dan kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jagħmlu l-prova dwar meta l-ksur waqaf, liema prova ma tirriżultax.

**Ikkunsidrat dan kollu, għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-oġġezzjoni tar-rikorrenti li uħud mill-penali mposti huma preskritti.**

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikorrenti jinsistu li hemm nuqqas ta' kjarezza dwar kif ir-Reġistratur intimat wasal għas-somom ta' penali mposti.

F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Marco Aquilina et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji** deċiża fl-14 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti qalet:

> *Il-Qorti tifhem illi ghalkemm il-legislatur jitkellem dwar 'reat' u 'penali', b'dana kollu dawn mhumiex proceduri penali. Kif hawn fuq jinghad, dawn huma proceduri ai termini tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, simili ghal dawk misjuba fil-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhal per ezempju dawk ai termini tal-Artikolu 166A fejn ammont cert likwidu u dovut jigi rez ezekuttiv permezz ta' procedura ta' notifika ta' ittra ufficjali – bis-salvagwardji kollha hemmek stipulati. Fil-fatt il-ligi tirreferi ghall-istess penali bhala 'penali amministrativa'.*
>
> *B'dana kollu l-Qorti irid ikun ikollha s-serhan tal-mohh illi l-persuna illi tkun qed tircievi tali notifika, ghandha tkun notifikata b'dettalji bizzejjed biex hija tifhem ghal xiex u dwar xiex qed tehel l-penali, tifhem fejn zbaljat jekk zbaljat u dan*

*kollu, fuq kollox, biex tali persuna tkun tista' tressaq oggezzjoni validi ghall-kontestazzjoni taghha kif inhu dritt taghha li taghmel, bhal fil-kaz odjern.*

Fil-każ ċitat, din il-Qorti għaddiet biex tannulla l-ittra uffiċjali in kwistjoni stante li ħasset li ma kienx hemm kjarezza dwar b'liema mod ġew ikkalkolati l-penali. Din il-Qorti ma tqisx li f'dan il-każ jista' jingħad l-istess ħaġa u dana stante li f'dan il-każ kull ammont huwa spjegat u ċioe' hemm indikat li l-penali ġew impost kollha bir-rata ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) għal kull ġurnata ta' ksur.

Oltre' minn hekk, fil-kawża ċitata r-rikorrenti kienu għamlu diversi tentattivi sabiex jifhmu l-penali mposti mar-Reġistratur innifsu. Ma jirriżultax li sar l-istess f'din il-kawża. Anzi f'din il-kawża jirriżulta li r-rikorrent baqa' jinjora għal kollox l-avviżi lilu mibgħuta sakemm finalment ġiet notifikata l-ittra uffiċjali *de quo*.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-oġġezzjoni tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' kjarezza fl-ammonti mposti bħala penali.**

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif ġja ingħad, l-items kollha fil-prospett, ħlief għal erba' minnhom, jirreferu għall-istess nuqqas – "*Directors failing to deliver or delivering effective annual accounts etc to Registrar*".

Illi l-**Artikolu 183(1)** jgħid espressament hekk:

> *Id-diretturi ta' kumpanija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija imqiegħda quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 flimkien ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jiġukonsenjati lir-Reġistratur b'xi mezz elettroniku, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik il kopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.*

Mill-provi prodotti, ma jirriżultax illi bħal fatt huwa kkontestat illi ma sarux il-konsenji li trid il-liġi fiż-żmien li trid il-liġi. Anzi r-rikorrenti ma ressqu ebda prova biex b'xi mod jirribattu l-penali mposti mir-Reġistratur intimat.

Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax illi hija konvinta illi din l-odjerna proċedura tressqet BISS biex ir-rikorrenti jittentaw jiskolpaw l-obbligu tagħhom tal-ħlas minnhom dovut.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rigward tat-tieni, t-tmien, d-disa', l-għaxar u t-tlettax-il item, il-penali ġew mposti ai termini tal-**artikolu 184(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *(3) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jkun suġġett għal penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.*

Il-Qorti ma għandiex wisq xi tgħid, u r-Reġistratur impona dik il-penali fil limiti tad-drittijiet tiegħu kif timponi il-liġi u r-rikorrenti hawnhekk ukoll ma ressqu ebda prova li saru s-sottomissjonijiet fil-ħin.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rigward tas-sitt u l-erbatax-il item, il-penali ġew mposti ai termini tal-**artikolu 181(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *(3) Fin-nuqqas tat-tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu(1), jew jekk il-kontijiet annwali li jitqiegħdu quddiem il-kumpanija ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att, kull persuna li minnufih qabel l-għeluq taż-żmien għat-tqegħid ta' dawk il-kontijiet kienet direttur tal-kumpanija tista' teħel penali u, għal kulljum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.*

Il-Qorti ma għandiex wisq xi tgħid, u r-Reġistratur impona dik il-penali fil limiti tad-drittijiet tiegħu kif timponi il-liġi u r-rikorrenti hawnhekk ukoll ma ressqu ebda prova li saru s-sottomissjonijiet fil-ħin.

Il-Qorti trid tieħu l-okkażjoni biex tgħid u tirriafferma illi filwaqt illi kull penali mposta mir-Reġistratur intimat ai termini tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun skont il-liġi, b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet ta' min ikun soġġett għal tali penalitajiet, b'dana kollu kull kumpanija u kull uffiċjali ta' kull kumpanija għandu jara illi jkun rigoruż fit-tħaris tal-obbligi legali tiegħu mar-

Reġistratur kif trid il-liġi, mhux lanqas id-diretturi, peress illi r-Reġistratur għandu d-dritt, anzi l-obbligu, illi jassigura illi jinżamm Reġistru tas-soċjetajiet nadif u skond il-liġi, b'dan illi min jonqos ikun irid mhux biss jottempra ruhu, iżda jaffaċċja l-konsegwenzi bħal ma huma l penalitjiet.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti qed tgħaddi biex **tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors tagħhom tat-2 ta' Awwissu 2024.

**L-ispejjeż ikunu a kariku tar-rikorrenti.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**